

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-appoġġ għall-impjieġ taż-żgħażaġh: pont għall-impjieġi għall-ġenerazzjoni li jmiss — Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ

(2021/C 106/03)

Relatur:	Romy KARIER (LU/PPE), Membru tal-Kunsill Komunali ta' Clervaux
Referenzi:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Appoġġ għall-Impjieġ taż-Żgħażaġħ: Pont għall-Impjieġi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss COM(2020) 276 final Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjieġi — Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ COM(2020) 277 final

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-adozzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ oriġinali fit-22 ta' April 2013, biex b'hekk isir titjib importanti għall-istrument, bħal struttura ġdida u aktar koerenti maqsuma f'erba' fażijiet distinti, enfasi msaħħa fuq in-NEETs fit-tul u t-titjib tal-elementi inklużivi tiegħu. Il-proposta hija partikolarment sinifikanti fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19, li qed ikollha effett sproporzjonat fuq iż-żgħażaġh;
2. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jitwessa' l-grupp ta' etajiet tal-benefiċjarji tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex jinkludi żgħażaġh ta' bejn il-25 u d-29 sena, u b'hekk tilħaq numru akbar ta' żgħażaġh. Dan jagħmel il-proposta aktar konsistenti mar-regoli ta' implimentazzjoni applikati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri iżda wkoll aktar inklużiva, filwaqt li jirrikonoxxi li matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-qgħad fost iż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena se jkompli jżieded drastikament u se jeħtieġu servizzi ta' appoġġ ⁽¹⁾; jenfasizza li wara li ssir offerta, jew wara li jkun għadda l-perjodu ta' erba' xhur biex tingħata offerta, għandu jitkompla jingħata appoġġ liż-żgħażaġh, waqt li jiġi żgurati li l-motivazzjoni, il-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom jistgħu jitkomplew jissaħħu, speċjalment għal żgħażaġh aktar vulnerabbli li jistgħu jeħtieġu appoġġ aktar fit-tul għal integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol;
3. jenfasizza r-rwol importanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-oqsma tal-politiki dwar l-impjieġ, it-taħriġ, l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh, u jissuġġerixxi li s-sħubijiet fil-fażijiet kollha tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandhom jinkludu l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-fażi tal-immappjar u l-fażi ta' sensibilizzazzjoni, li fihom l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu pont bejn il-partijiet ikkonċernati differenti bħall-imsieħba soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, is-servizzi pubbliċi tal-impjieġ u s-settur tan-negozju lokali u reġjonali;
4. jilqa' s-suġġeriment tal-Kummissjoni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu l-ixprun ewlieni għall-apprendistati fl-ambjent tan-negozju lokali, u b'hekk jiġi rikonoxxut ir-rwol kruċjali li jaqdu biex irawmu l-iżvilupp ekonomiku permezz ta' sħubijiet, u l-fatt li tirikonoxxi l-pożizzjonijiet preċedenti tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar din il-kwistjoni ⁽²⁾. L-apprendistati għandhom jiġu mħeġġa bħala strument importanti fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh peress li jikkombinaw il-ħiliet intellettuali u tekniċi mal-esperjenza professjonali. Għalhekk huwa importanti li tingħata spinta lill-provvista u l-kwalità ta' dan it-tip ta' taħriġ, b'enfasi partikolari fuq it-taħriġ diġitali;

⁽¹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52012XR2562>

⁽²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:52012AR1186> u <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52013AR0789>

5. l-awtoritajiet lokali għandhom rwol importanti fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fost iż-żgħażaġh, u fl-involvement f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, pereżempju billi jiżguraw il-viżibbiltà tal-iskema fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u jimplementaw approċċ ta' sħubija mal-partijiet interessati rilevanti kollha li jaħdmu maż-żgħażaġh;
6. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tas-servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-impjiegi u taż-żgħażaġh tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala parti mis-sistemi ta' twissija bikrija u jenfazizza l-kapaċitajiet ta' traċċar tagħhom biex jidentifikaw liż-żgħażaġh friskju li jsiru NEETs, filwaqt li jgħinu jipprevjenu milli jtilqu qabel mill-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari f'dawk ir-reġjuni bl-aktar rati għoljin fl-UE ta' tluq bikri mill-iskola;
7. jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq miżuri ta' sensibilizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tan-NEETs fit-tul, iżda jisħaq fuq l-importanza li jiġi rakkomandat l-użu ta' teknoloġiji li jintużaw miż-żgħażaġh infushom kif ukoll objettivi li jistgħu jitkejlu, biex b'hekk l-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jiġu iċċentivati biex iżidu l-effettività u l-effiċjenza tal-istrategġiji ta' sensibilizzazzjoni tagħhom; Barra minn hekk, jemmen li iż-żgħażaġh li jibbenefikaw minn din l-iskema għandhom ikunu konxji li hija inizzjattiva Ewropea – ħaġa li ħafna mill-benefiċjarji attwali mhumiex konxji tagħha;
8. jappoġġja l-idea li jiġu promossi ħilet li huma rilevanti għas-suq tax-xogħol u jaqbel mal-enfasi fuq il-ħilet diġitali, il-ħilet maniġerjali, l-intraprenditorija u l-awtonomija, u l-ħilet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika; jinsisti, madankollu, fuq il-ħtieġa li l-ħilet lingwistiċi jiġu promossi bħala prijorità sabiex jiżiedu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, speċjalment f'dawk ir-reġjuni fejn il-ħilet lingwistiċi huma partikolarment importanti, bħar-reġjuni transkonfinali u r-reġjuni b'ekonomija orjentata lejn it-turiżmu, u jesprimi dispjaċir li dan ma ġiex inkluż fil-proposta l-ġdida;
9. iqis li huwa essenzjali li jiġu definiti kriterji vinkolanti ċari u preċiżi rigward il-kwalità tal-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għall-impjiegi, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendistati. Dan jista' jinkiseb billi jiġi evalwat il-livell ta' tqabbil bejn dak li qed jiġi offrut u l-profil tal-parteċipant, billi jiġi żgurat li l-offerta tirrispetta d-drittijiet soċjali u tal-impjeg taż-żgħażaġh, li l-offerta tippermetti l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, u billi l-kwalità tal-offerti tiġi inkluż fil-proċessi ta' monitoraġġ u tal-ġbir tad-data tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ^(³);
10. jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-mobilità tal-forza tax-xogħol permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni, minħabba r-rwol importanti li għandha l-migrazzjoni fit-tfassil tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol; iqis għalhekk li huwa ta' dispjaċir li din id-dispożizzjoni, li kienet teżisti fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ oriġinali, ma nżammitx fil-proposta l-ġdida, minkejja li ħafna pajjiżi kkomplementaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom bi programmi ta' mobilità reġjonali jew internazzjonali; iħeġġeġ ukoll li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun marbuta ma' traineeships ta' kwalità u mal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta';
11. jaqbel mal-idea li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ispeċifitajiet reġjonali tas-suq tax-xogħol u l-ostakli li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali, remoti, ultraperiferiċi jew f'żoni urbani żvantaġġati, reġjuni inqas żviluppatti u komunitajiet lingwistiċi minoritarji matul il-fażi tal-immappjar. Madankollu, dan l-approċċ għandu jinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ speċifiċi fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa sabiex jiġi żgurat li iż-żgħażaġh li jgħixu f'dawk ir-reġjuni jkollhom aċċess għall-istess opportunitajiet u servizzi bħal fi kwalunkwe reġjun ieħor;
12. jirrakkomanda l-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell reġjonali u lokali biex jinħolqu eżiti aħjar għaż-żgħażaġh qiegħda, u b'hekk jitravwem aktar tkabbir ekonomiku inklużiv, speċjalment f'żoni remoti u iżolati, u biex jinħolqu strategġiji effettivi għal pjani ta' tranżizzjoni ġusti fil-livell lokali u reġjonali;
13. jesprimi dispjaċir għall-fatt li fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 tal-FSE+, is-sehem li se jiġi allokat għall-appoġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma żdiedx b'mod sostanzjali minkejja l-kuntest kritiku tal-pandemija tal-COVID-19, fejn il-qgħad fost iż-żgħażaġh diġà żdied sew madwar l-Unjoni Ewropea; jinsisti għalhekk fuq il-ħtieġa li jiżdied b'mod sinifikanti l-appoġġ finanzjarju għal dawk l-Istati Membri u r-reġjuni, b'mod partikolari dawk li qegħdin jesperjenzaw livelli għoljin ta' qgħad u faqar, bħar-reġjuni inqas żviluppatti, ir-reġjuni deindustrijalizzati, ir-reġjuni periferiċi u r-reġjuni ultraperiferiċi, li minbarra li għandhom rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, bħalissa qed iġarrbu

⁽³⁾ https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_5/SR_YOUTH_GUARANTEE_MT.pdf

restrizzjonijiet baġitarji severi, sabiex tiġi indirizzata l-effettività inugwali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea; jesprimi dispjaċir li l-finanzjament tal-UE għall-impjieġ taż-żgħażaġh ma jistax jibqa' jkun immirat fuq bażi reġjonali permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, u jinsisti li l-gvernijiet nazzjonali għandhom jallokaw finanzjament għall-impjieġ taż-żgħażaġh lil reġjuni li l-aktar li għandhom bżonn, filwaqt li jiżguraw li l-fondi tal-UE ma jisostitwixxux lill-finanzjament nazzjonali għall-miżuri favur l-impjieġ taż-żgħażaġh;

14. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewlieni fil-fażi ta' sensibilizzazzjoni u ta' mmappjar tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, u għalhekk jeħtieġu r-riżorsi finanzjarji xierqa kemm mill-baġits nazzjonali kif ukoll tal-UE biex jinvestu fil-kisba tal-integrazzjoni reali taż-żgħażaġh vulnerabbli f'suq tax-xogħol li qed jinbidel b'rata mgħaġġla. Barra minn hekk, huwa meħtieġ impenn qawwi mill-Gvernijiet Nazzjonali biex jinvolvu l-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus għandu jkollu rwol ewlieni fl-appoġġ għall-ħolqien ta' impjieġi ġodda ta' kwalità u fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali. Madankollu, l-allokazzjoni ta' riżorsi nazzjonali suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u s-sinerġiji mal-Politika ta' Koeżjoni fil-QFP li jmiss huma kruċjali wkoll sabiex tinkiseb l-effettività massima;

15. jilqa' r-rabta bejn il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa għandha tiżgura aċċess universali għall-protezzjoni soċjali għal parteċipanti żgħażaġh, biex jiġi evitat li jiżdied ir-riskju ta' faqar u xogħol prekarju;

16. jemmen li ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali mhumiex kompletament konxji tal-kanali kollha li l-UE tipprovdihom bħala appoġġ għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni Ewropea, fi sħubija mal-KtR, biex torganizza sessjoni ta' informazzjoni biex tirrimedja din is-sitwazzjoni. L-eżitu tal-eżerċizzju jista' jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-KtR, biex il-partijiet interessati kollha jkollhom aċċess;

17. iqis li t-traineeships u l-apprendistati għandhom primarjament jipprovdu esperjenza ta' tagħlim għaż-żgħażaġh, li jistgħu jgħinuhom jiddeċiedu dwar il-karriera futura tagħhom u jiżviluppaw il-ħliet tagħhom sabiex jaċċessaw impjieġ permanenti. Jenfasizza li t-traineeships u l-apprendistati li jittieħdu bħala parti minn kurrikuli edukattivi jew minn edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għandhom jinkludu għanijiet ċari ta' tagħlim, kontenut ta' tagħlim ta' kwalità u mentoring professjonali. Jenfasizza li apparti dawn il-kriterji ta' tagħlim, hemm bżonn ta' aktar regolamenti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tajba ta' xogħol għat-traineeships u apprendistati fis-suq tax-xogħol miftuħ u bħala parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-prattiki ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol mhux imħallas u traineeships u apprendistati fis-suq tax-xogħol miftuħ jistgħu jwasslu biex jiġu sostitwiti impjieġi standard, jikkostitwixxu forma ta' sfruttament li jikser id-drittijiet taż-żgħażaġh u jnaqqsu l-oportunitajiet għaż-żgħażaġh minn sfondi soċjoekonomiċi aktar foqra; jappoġġja għalhekk lill-Parlament Ewropew fl-isforzi tiegħu sabiex jinforza remunerazzjoni ġusta u aċċess għall-protezzjoni soċjali għal traineeships u apprendistati fis-suq tax-xogħol miftuħ u fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol sabiex jiġi żgurat li iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jaċċessaw oportunitajiet ta' kwalità;

18. il-fornituri lokali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jistgħu jinkludu fl-iskemi tagħhom żgħażaġh li qed jagħmlu korsijiet qosra jew li jaħdmu part-time waqt li qed ifittxu xogħol full-time, billi jiġi rikonoxxut li dawn iż-żgħażaġh ma għandhomx rabta b'saħħitha mas-suq tax-xogħol u jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ u offerta formali taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

19. jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-edukazzjoni, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ intraprenditorjali, kif ukoll it-titjib tal-għarfien u l-ħiliet kummerċjali, bħala mezz biex jiżdiedu l-oportunitajiet ta' impjieġ għaż-żgħażaġh; iqis, madankollu, li r-rwol pożittiv tal-intraprenditorja soċjali, u tal-ekonomija soċjali b'mod aktar ġenerali, fit-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh jista' jiġi rikonoxxut ukoll kif dovut fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa;

20. jaqbel mal-ħtieġa li fil-proposta l-ġdida ssir distinzjoni bejn in-NEETs fit-tul u dawk għal perjodu qasir, meta jitqies l-eżitu diżappuntanti ħafna li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tat għall-ewwel grupp. Madankollu, id-distinzjoni tista' tissaħħaħ aktar fil-miżuri rakkomandati għall-erba' fażijiet tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, bl-għan li jiġu enfasizzati aħjar il-miżuri ta' appoġġ li huma speċifikament immirati lejn NEETs qiegħda fit-tul;

21. jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-inklużività. Il-proposta l-ġdida hija aktar inklużiva milli fis-sistema attwali dwar kwistjonijiet bħad-diżabilità, l-isfond soċjali u l-etniċità, u tpoġġi enfasi speċjali fuq id-dimensjoni tal-ġeneru, u b'hekk tagħraf li d-distakk bejn il-ġeneri fost in-NEETs kiber f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, il-proposta tista' tkun saħansitra aktar b'saħħitha fid-denunzja tagħha ta' tipi oħra ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, bħal diskriminazzjoni bbażata fuq l-etniċità, ir-razza, l-orjentazzjoni sesswali jew diskriminazzjoni kontra l-migranti;

22. jilqa' l-importanza mogħtija lill-intervent bikri fit-tibdil tal-prospetti taż-żgħażaġh li huma l-aktar friskju, u jissuġġerixxi li l-proposti l-ġodda jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet u prijoritajiet aktar preċiżi għas-servizzi tal-impjieg u tal-edukazzjoni sabiex jiġu identifikati aħjar in-NEETs mhux irreġistrati, u jiġu mmotivati u mħeġġa jirritornaw għall-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; jenfasizza l-importanza li l-popolazzjoni żagħżuġha tiġi mmappjata fil-livell reġjonali u lokali biex jiġu identifikati l-karatteristiċi taż-żgħażaġh lokali u l-appoġġ li jeħtieġu;

23. jaqbel li l-punt tat-tluq għall-ġhoti ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ lil persuna żagħżuġha għandha tkun ir-reġistrazzjoni tagħhom ma' servizz tal-impjieg, iżda għal dawk in-NEETs li ma jintlaħqux faċilment u li x'aktarx ma jirreġistrawx ma' servizz tal-impjieg, il-proposta għandha tikkunsidra l-possibbiltà li jiġu ddefiniti punti oħra ta' dħul biex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ titwassal fl-istess perjodu ta' erba' xhur. Bl-istess mod huwa importanti li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq iż-żgħażaġh li qed ifittxu impjieg u li n-numru ta' punti ta' kuntatt jinżamm għall-minimu assolut. Għal dan l-għan, il-proposta għandha tirrakkomanda li r-reġistrazzjoni online permezz ta' pjattaformi elettroniċi speċifiċi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun il-proċedura standard. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li dawk il-gruppi li ma jintlaħqux permezz ta' mezzijiet diġitali jirċievu appoġġ effettiv, u għandhom isiru sforzi biex iż-żgħażaġh eliġibbli jiġu rreġistrati b'mod proattiv għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Is-sensibilizzazzjoni dwar l-iskema għandha tiġi promossa wkoll fost iż-żgħażaġh li diġà qed jirċievu edukazzjoni jew taħriġ; Bl-istess mod, sabiex ikun aktar faċli għaż-żgħażaġh biex jieħdu vantaġġ minn dak li għandha x'toffri l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, il-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkun kapaċi jindika lis-servizzi pubbliċi tal-impjieg iż-żgħażaġh vulnerabbli li jista' jkollhom b'żonn appoġġ addizzjonali biex jaċċessaw l-impjieg wara li jitlejqu mill-edukazzjoni, flimkien ma' aktar kondiviżjoni awtomatika ta' informazzjoni bejn is-servizzi tal-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi tal-impjieg biex b'mod proattiv jirreferu u jirreġistraw l-iż-żgħażaġh li jitlejqu mill-edukazzjoni jew it-taħriġ għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

24. jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea rigward dawk li jitlejqu kmieni mill-iskola u iż-żgħażaġh b'livell baxx ta' ħiliet, u b'mod aktar speċifiku l-ħtieġa li jinħolqu perkorsi flessibbli biex jergħu jidħlu fl-edukazzjoni u fit-taħriġ jew għat-tieni opportunità ta' programmi edukattivi li jipprovdu ambjenti ta' taġħlim li jwieġbu għall-ħtieġijiet speċifiċi tagħhom u li jippermettulhom jiksbu l-kwalifiki li m'għandhomx; jinsisti, madankollu, fuq il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq il-merti ta' gwida vokazzjonali bħala mezz utli f'dan ir-rigward;

25. iqis li l-miżuri meħuda fl-ambitu tal-iskema tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandu jkollhom l-għan li jagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetenzi li jindirizzaw l-ispariġġi fil-ħiliet eżistenti fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fl-oqsma marbuta mad-diġitalizzazzjoni tal-UE u mal-Patt Ekoloġiku. Jirrikonoxxi wkoll il-benefiċċju miżjud tat-titjib tal-ħiliet soċjali, bħat-tekniki li jtejbu l-komunikazzjoni u l-fiduċja personali;

26. jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea rigward it-tnaqqis tal-kost lavorattiv għajr il-pagi, bħas-sussidji mmirati u mfassla tajjeb għall-pagi u r-reklutaġġ, il-krediti tat-taxxa u l-benefiċċji tad-diżabilità biex min iħaddem jitħeġġeġ joħloq opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh jew biex jinżammu lil dawk li diġà huma impjegati. L-inċentivi għan-negozji ġodda, speċjalment fis-settur tat-teknoloġiji diġitali, huma wkoll importanti ħafna f'dan il-kuntest, fejn id-diġitalizzazzjoni qed taċċellera, u għalhekk jistgħu jiġu enfasizzati aktar fil-proposta;

27. jirrakkomanda li jsir użu sħiħ mill-possibbiltajiet tal-programm il-ġdid dwar il-bidla soċjali u l-innovazzjoni sabiex jinġabru eżempji ta' Prattika tajba dwar l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;

28. jirrakkomanda li tittejjeb l-evalwazzjoni tal-miżuri kollha meħuda fl-ambitu tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppatti aktar politiki u miżuri bbażati fuq l-evidenza abbażi ta' x'jaħdem, fejn u għaliex, b'hekk jiġi żgurat użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi;

29. iqis li ladarba tintlaħaq l-ewwel fażi u tiġi aċċettata offerta, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha tipprovdi gwida u informazzjoni bl-għan li tiffaċilita t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' dawk iż-żgħażaġh li huma l-aktar friskju li jergħu jispiċċaw bla xogħol. Dan jiżgura wkoll li iż-żgħażaġh ikollhom il-possibbiltà li javvanzaw fil-karriera, anki jekk fil-bidu tagħha jokkupaw pożizzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet u subordinati;

30. iqis li l-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha twassal għal impjieg stabbli u sostenibbli. Dan jista' jinkiseb ukoll permezz ta' sħubijiet b'saħħithom, solidarjeta' u koordinazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjieg, li huma l-fornituri ewlenin tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u l-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

31. jenfasizza li, sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv l-impjieg taż-żgħażaġh fid-dawl tal-pandemija, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa għandha tiġi kkomplementata bit-titwil u l-estensjoni ta' appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (l-istrument SURE), bl-inklużjoni ta' miżuri għall-impjieg taż-żgħażaġh fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh, u b'referenza espliċita għal kopertura aħjar tal-protezzjoni soċjali għaż-żgħażaġh u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju taż-żgħażaġh fil-Pjan ta' Azzjoni li jmiss għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; u jwissi kontra politiki li għandhom l-għan li jippromovu l-impjieg taż-żgħażaġh billi jdgħajfu d-drittijiet taż-żgħażaġh għal remunerazzjoni ġusta u aċċess għall-protezzjoni soċjali bħala parti mill-irkupru.

Brussell, il-5 ta' Frar 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
